IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru10 (għaxra) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 14 ta' Novembru, 2019, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Anthony Valvo |
| | Raymond Camilleri |
| | Mary Doris Borg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**10.1. Item Nru 10.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

10.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-6.20pm u kulħadd kien preżenti

**10.2. Item Nru. 10.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

10.2.1. Minuti ttieħdu bħala moqrija.

**10.3 Item Nru. 10.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

10.3.1 Decking max-Xatt - Is-Sindku s-Sur Neil Attard qal li wara li kellna laqgħa l-bieraħ fuq l- applikazzjoni esperimentali tal- permess ta' decking kien hemm *misunderstanding* u ma kienx hemm informazzjoni dettaljata ta x inhu l-progett kollu. Is-Sindku qal li jħossu li bħala progett huwa pożittiv u ħa jkun ta' gid għax ser ikun hemm aktar nies u aktar accessibbli. Hu kompla jsostni li mhux ser ikun hemm l ebda deckchairs, u l ebda tip ta' negozju. Din id-decking ser tintuza mill-pubbliku kollu ma jsir l-ebda ħsara fuq il-blat l-area tas-salini.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

Il-Kunsill qabel li jsiru dawn il-kundizzjonijiet:

Jintuża mil-pubbliku inġenerali u accessibbli anke minn persuni bi bżonnijiet speċjali.

1.Ma jistax issir attivita kummerċjali fuq id-decking
2.Ma jistgħux jitpoggew deckchairs/ sun beds
3.Ma ssir l-ebda ħsara fuq il-blat u s-salini
4.Ma jistgħux isiru tined, gazebos, umbrellel, bbqs
5.U jekk il-Kunsill jara li ser ikun hemm xi tip ta' ilmenti u /jew ġlied dan jitneħħa b'avviż.

Il-Kunsill qabel ukoll li jekk issir din id-decking il-Kunsill jara kif isir ukoll *hand rail* u l-aċċess għaliha naraw li jkun sigur anke minħabba l-fatt li hemm l-għoli minn mal-baħar.

10.3.2 Is-Sindku qal li għal clean up ta' nhar it-23 ta' Novembru ser issir pero għad jonqos jinħareġ il-poster.

10.3.3 Is-Sindku qal li dwar it-talba mid-DLG biex ngħidulhom jekk irridux nagħmlu update tal-iskeda tal-iskart il-Kunsill irid jerġa jitkellem mal-Green Pak biex naraw jekk jaċċettawx li tiżdied ġabra oħra nhar ta' Ġimgħa u lil Wasteserv biex nitolbuhom li nżidu ġabra oħra fix-xhur tas-sajf.

10.3.4 Is-Sur Attard qal li għandna bżonn nordnaw cherry picker biex niżbru is-siġar ta' fejn il-Knisja kif ukoll high up biex nibdlu l-arbli tar-roundabout ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja. Hu kompla jgħid li l-arbli ser ituhomna b'xejn.

10.3.5 Is-Sur Attard qal li għal attivitajiet tal-Milied ser tittella' esebizzjoni tal-Milied. Apparti hekk għall-festin tal-Milied tas-27 ta' Diċembru il-Kunsill qabel li jingħata rigal żgħir lit-tfal li jattendu budget ta' €3 kull tifel u tifla u budget ta' €150 għal spettaklu żgħir.

Għall-Festin tat-30 ta' Diċembru li ser isir fis-sala tal-Knisja il-Kunsill qabel li nitkellmu magħhom sabiex naraw jekk is-sound u d-dawl huwiex ser ikun a disposizjoni.

Is-Sindku ippropona wkoll li nordnaw plakka għal tfal mix-Xgħajra li jkun għamlu ġieħ lix-Xgħajra. Is-Sur Attard qal li fosthom hemm Rachel Gialanze tar-regatta tan-nisa u tfal li dejjem taw kontribut fix-Xgħajra. Il-preżentazzjoni ser issir nhar it-30 ta' Diċembru.

10.3.6 Is-Sindku qal li nhar it-Tnejn li ġej ser ikollna laqgħa mal-Perit Bezzina fl-10am dwar il-Jogging track.

10.3.7 Is-Sur Attard qal li tkellem ma’ grupp ta’ żgħażagħ tad-drama mil-Fgura volontiera li bħalissa qed jagħmlu xogħol ukoll fis-sala tal-Knisja. Huma talbu lill-Knisja tax-Xgħajra għajnuna biex isir xogħol ta’ manutenzjoni u Fr. Colin Apap talab lill-Kunsill biex niffinanazjaw dan. Il-kunsill ma qabilx minħabba li l-ispejjeż jidru li huma ħafna.

10.3.8 Is-Sindku qal li għandna proposta mil-Klabb tal-Futbol biex nidħlu f’ kollaborazzjoni magħhom biex jiġi printjat kalendarju u il-Kunsill ikollu spazju biex idaħħal l-iskeda tal-iskart fih. Din l-ispiża ser tkun ta’ €900 u il-Kunsill qabel unanimament li ssir.

10.3.9 Is-Sindku qal li l-bus shelters għandhom bżonn manutenzjoni u mid-dehra biex jinbidlu mil-FACES ser indumu minħabba li hemm każ il-qorti.

10.3.10 Is-Sur Attard qal li kellmuh residenti ta’ Trejqet il-Villeġġanti u qed jitolbu biex nirranġawlhom temporanjament it-triq minħabba li hemm ħafna ħofor u ħmieġ minħabba li qatt ma saret. Il-Kunsill qabel li jġib stimi biex titnaddaf u tiġi mgħoddija bir-romblu.

10.3.11 Is-Sindku qal li rridu nibdlu l-cameras tal-bandli u ser inġibu l-istima biex naraw jistgħux jinbidlu biss il-cameras u jibqa jintuża id-DVR li għandna fil-Librerija.

**10.4 Item Nru 10.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

10.4.1 Is-Sa. Rosabelle Pulis staqsiet jekk ingħalqitx il-fetħa tal-banli li qiegħda perikoluża li jistgħu joħorġu t-tfal minnha. Is-Segretarju qal li ser issir fil-jiem li ġejjin. Sar qbil ukoll li isir firroll ġdid mal-grada.

10.4.2 Is-Sa. Pulis staqsiet jekk jistax isir shifting tal-cameras minn post għal iehor u s-Sindku qal li iva u li fil-gimgħat li ġejjin il-Kunsilliera ser ikollhom il-possibilta wkoll li jinstallaw l-*application* fuq il-mobile u jkunu jistgħu jarawhom *live*.

10.4.3 Is-Sa Pulis xtaqet tistaqsi jekk tistax toganizza ħarġa kulturali u jmorru limestone heritage. Il-Kunsill qabel li tista tibda taħdem fuqha.

10.4.4 Is-Sa. Doris Borg staqsiet jekk tistax torganizza ħarġa kulturali għal Għawdex fi żmien il-Milied u jmorru jżuru l-presepji ta’ diversi postijiet. Il-Kunsill qabel u ser jorganizzawha Doris u Rosabelle flimkien.

IX-XGĦAJRA

10.4.5 Is-Sur Valvo qal li kellmu l-Perit Borg Grech dwar l-użu tal-Librerija u li qed ikun hemm storbju meta jkun hemm il-privat. Is-Sinjura Borg ċaħdet li jkun hemm l-istorbju u is-Sindku ikkonfermah ukoll u qal li wara li iċċekkjajna x'permessi għandu l-Kunsill fuq il-Librerija u l-garaxx ta' maġenba rajna li hemm permess mil-Planning Authority li hemm huwa small Civic Centre għalhekk jista jintuża bħala klassi biex jingħataw il-lezzjonijiet.

10.4.6 Is-Sur Raymond Camilleri staqsa kif bqajna mal-Perit Buhagiar fuq il-pjanti tal-proġett tal-Boċċi. Is-Sindku qallu li għadna ma rċevejnihomx u għalhekk il-Kunsill qabel li ser nagħtu deadline sa nhar il-Ġimgħa tal-ġimgħa d-dieħla.

10.4.7 Is-Sa. Doris Borg qalet li marret is-seminar tal-MEUSAC dwar fondi tal-Ewropa u kien interessanti. Hi qalet li hemm ħafna opportunitajiet u l-MEUSAC tagħti ħafna għajnuna wkoll.

10.4.8 Is-Sa.Borg qalet li t-tabella tal-ħmieġ taż-żwiemel twaħħlet u jidher li qed taħdem.

10.4.9 Is-Sa. Borg staqsiet jekk tistax issir skeda ta' attivitajiet tal-għaqdiet kollha tax-Xgħajra biex inkunu nistgħu nippjanaw għal sena sħiħa u ma jkollnix attivitajiet li jaħbtu f'xulxin.

10.4.10 Is-Sa Borg staqsiet jekk il-Kunsill jistax jissieħeb fi proġett mal-Iskola primarja u l-ispiza tkun biss biex jinxtraw 3 kotba u 20 *biro*. Il-Kunsill qabel ma dan.

**10.5 Item Nru. 10.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

10.5.1 Ma kienx hemm rapporti bil-miktub.

**10.6 Item Nru. 10.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

10.6.1 L-affarijiet meħtieġa ġew indirizzati fil-punti preċedenti.

**10.7 Item Nru. 10.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

10.7.1 Pagamenti b'numru 86 ġew approvati unanimament.

**10.8 Item Nru. 10.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

10.10.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

IX-XGĦAJRA

**10.9 Item Nru. 10.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

10.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-8.45pm

Aġġornament għal-nhar il-Ħamis 28 ta' Novembru, 2019 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| Iffirmat | Iffirmat |
| ______________________ | ______________________ |
| Ranier Busuttil | Neil Attard |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269
E-Mail xghajra.lc@gov.mt